**Eżami għad-Dħul fl-Ewwel Sena tal-Junior Lyceum**
**2005**

# STUDJI SOĊJALI

**SKEMA TA' MARKI**

**Eżerċizzju A**

| | |
|---|---|
| 1. | solidarjetà |
| 2. | valuri ċiviċi |
| 3. | xogħol volontarju |
| 4. | xogħol speċjalizzat |
| 5. | kultura |
| 6. | elezzjoni ġenerali |
| 7. | kabinett |
| 8. | d-dmirijiet |

*Tingħata marka waħda għal kull tweġiba tajba.*

**Total 8 marki**

**Eżerċizzju B**

| | | |
|---|---|---|
| 1. ħażina | 2. tajba | 3. ħażina |
| 4. tajba | 5. tajba | 6. tajba |

*Tingħata marka waħda għal kull tweġiba tajba.*

**Total 6 marki**

**Eżerċizzju Ċ**

| | |
|---|---|
| 1. | 'Victoria' jew ir-Rabat |
| 2. | 'Valletta' jew il-Belt |
| 3. | Marsaxlokk |
| 4. | Rabat |
| 5. | Bormla |
| 6. | Iċ-Ċirkewwa |
| 7. | L-Għadira jew il-Mellieħa |
| 8. | Marsalforn |

*Tingħata marka waħda għal kull tweġiba tajba.*

**Total 8 marki**

**Eżerċizzju D**

| 1. | | **Reliġjon** | **Post Fejn Jitolbu** |
|---|---|---|---|
| | L-Insara | Kristjaneżmu jew reliġjon Nisranija | Knisja |
| | Il-Lhud | Ġudaiżmu | Sinagoga |
| | Il-Musulmani | Islamika | Moskea |
| | | *Tingħata marka waħda għal kull tweġiba tajba.* | *Tingħata marka waħda għal kull tweġiba tajba* |

**6 marki**

| | | |
|---|---|---|
| 2. | *Tingħata marka għal kull idea differenti. Jingħataw żewġ marki.* | Kollha jemmnu f'Alla wieħed.<br>Kollha jfittxu l-verità.<br>Kollha huma parti mill-kultura tal-poplu.<br>Kollha jgħinuhom jgħixu ħajja sew. |

**2 marki**

| | | |
|---|---|---|
| 3. | *Tingħata marka għal kull idea differenti. Jingħataw żewġ marki.* | Mill-festi tar-raħal, mit-tradizzjonijet li huma marbutin mar-reliġjon bħal:<br>• Purċissjonijiet fil-Ġimgħa l-Kbira<br>• Il-Ġiri bl-istatwa ta' l-Irxoxt<br>• Il-Mejda ta' l-Appostli<br>• Presepji<br>• Oħrajn.<br><br>Mill-valuri li bħala Maltin bqajna nżommu bħall-għaqda tal-familja, smiegħ tal-quddies nhar ta' Ħadd. |

**2 marki**

**Total 10 marki**

**Eżerċizzju E**

1. L-istudenti għandhom isemmu l-ħames jiem nazzjonali ta' Malta: Jum il-Ħelsien, is-Sette Giugno, It-Tmienja ta' Settembru, Jum l-Indipendenza u Jum ir-Repubblika.
   *Tingħata marka waħda għal kull tweġiba tajba.*

**5 marki**

2. L-istudenti għandhom jagħżlu **waħda** minn dawn il-jiem u jgħidu għala kienet importanti.

**Jum il-Ħelsien:** Malta spiċċat għal kollox minn bażi militari Ingliża.
**Is-Sette Giugno:** Dawn l-irvellijiet wasslu għall-għotja ta' l-ewwel kostituzzjoni tas-*Self Government.*
**It-Tmienja ta' Settembru:** Tifkira taż-żewġ avvenimenti kbar fl-Istorja ta' Malta, ir-rebħa ta' l-Assedju l-Kbir (1565) u t-tmiem tat-Tieni Assedju (1943).
**Jum l-Indipendenza:** Malta saret stat independenti li jmexxi lilu nnifsu.
**Jum ir-Repubblika:** Malta saret repubblika bil-Kap ta' l-istat Malti jingħażel mill-Parlament.

**3 marki**

**Total 8 marki**

**Eżerċizzju F**

1. **Tnejn** minn dawn il-postijiet:
L-għolja Xiberras, Forti Sant'Iermu, Kordin, l-Isla (Senglea), Forti San Mikiel, Forti Sant'Anġlu, il-Birgu (Vittoriosa), il-Port il-Kbir u l-Ponta ta' Dragut

**2 marki**

2. **Tnejn** minn dawn:
- L-Ordni ta' San Ġwann minn dejjem kien għadu kbir tat-Torok
- Il-bastimenti tal-Kavallieri dejjem kienu jattakkaw lil dawk Torok
- Is-Sultan qatagħha li jeqred lill-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann darba għal dejjem
- It-Torok riedu jiksbu bażi tajba minn fejn setgħu jattakkaw postijiet fl-Ewropa
- It-Torok riedu jneħħu xkiel għat-tbaħħir tagħhom bejn il-Lvant u l-Punent.
*Marka għal kull raġuni, żewġ marki b'kollox.*

**2 marki**

3. **Tnejn** minn dawn:
- L-insara kellhom swar qawwija biex jiddefendu ruħhom warajhom
- L-insara wrew qlubija u determinazzjoni kbira li baxxiet it-tamiet tat-Torok
- It-Torok kienu marbutin biż-żmien billi riedu jirbħu qabel ma jidħol il-maltemp
- It-Torok riedu jirbħu qabel ma tasal xi għajnuna kbira minn Sqallija
- It-Torok kellhom nuqqas ta' ilma fi staġun sħun u niexef
- Il-blat ta' Malta kien iebes wisq biex it-Torok ikunu jistgħu jħaffru mini għal taħt is-swar
- Kien hemm nuqqas ta' ftehim bejn il-mexxejja Torok.

  *(Marka għal kull diffikultà, żewġ marki b'kollox)*

**2 marki**

**Total 6 marki**

**Eżerċizzju Ġ**

Mappa li turi fejn jinsabu l-kontinenti.
*N.B. Jekk l-Amerika t'Isfel jew ta' Fuq biss jiġu mmarkata bħala Amerika din għandha tingħata bħala tajba.*



*Tingħata marka waħda għal kull tweġiba tajba.*

**(6 marki)**

**Tnejn** minn il-fliegu ta'

2. Ġibiltà, il-Kanal tas-Swejż, id-Dardanelli jew l-Istrett tal-Bosforu.
   *Tingħata marka waħda għal kull tweġiba tajba.*

**(2 marki)**

3. Il-Baħar l-Iswed u l-Baħar l-Aħmar. Naċċettaw ukoll il-Baħar ta' Marmara.
   *Tingħata marka waħda għal kull tweġiba tajba.*

**(2 marki)**

**(Total 10 marki)**

**Eżerċizzju G**

| | |
|---|---|
| 1. | Il-membri tal-familja għandhom ikunu jafu sew id-dmirijiet tagħhom.<br>Għandu jkun hemm aktar djalogu bejn il-familja.<br>Tintwera aktar imħabba u t-tfal iħossuhom maħbuba ndaqs.<br>Jitgħallmu jaħsbu aktar f'xulxin . |
| 2. | Jistgħu jiftehmu biex kull darba li jkollhom dan it-tip ta' xogħol jintagħżel kap differenti ħalli kulħadd ikollu ċans.<br>Itellgħu bix-xorti min ikun kap.<br>Jagħżlu min jaħsbu li hu l-aktar kapaċi biex imexxi l-grupp. |
| 3. | Jkunu mistiedna l-familji ta' dawn it-tfal f'okkażjoni waħda u l-iskola tiċċelebra Jum il-Kulturi differenti.<br>It-tfal stess jiġu mħeġġa biex lit-tfal l-oħra jirrakkuntawlhom fuq pajjiżhom waqt assemblies u/jew waqt lezzjonijiet partikulari. |

*Jingħataw 2 marki f'kull tweġiba. Ikun biżżejjed li l-istudenti jsemmu punt wieħed tajjeb f'kull tweġiba.*

**(Total 2 x 3 = 6 marki)**

**Eżerċizzju GĦ**

1. Huma kienu bħalna f'dak li huwa saħħa, intelliġenza u sentimenti. Kellhom it-twemmin tagħhom u bnew postijiet reliġjużi. Kienu jaħdmu wkoll l-egħlieqi.
2. Skorba jinsab fiż-Żebbiegħ / Mġarr. Fih instabu fdalijiet ta' djar u tempji, kif ukoll fuħħar griż u aħmar.

4. Minħabba l-fdalijiet ta' annimali komuni għaż-żewġ artijiet li nstabu f'Għar Dalam. Il-widien ta' Malta jixhdu li kienu jgħaddu minnhom xmajjar kbar.

4. **Tnejn** minn dawn:

- Għolja u tiddomina l-inħawi
- Mdawra bil-baħar u kellha bżonn biss difiża fil-Lbiċ
- Kellha żewġ portijiet tajbin fil-qrib

**(Total 2 x 4 = 8 marki)**

**Eżerċizzju H**

| | |
|---|---|
| 1. | l-elementi ewlenin tat-temp bħalma huma t-temperatura, ix-xita, u r-riħ. |
| 2. | hi sħuna jew kiesħa l-arja ta' madwarna. |
| 3. | li t-temp hu sħun ħafna. |
| 4. | għamlet xita (ta' kuljum). |
| 5. | x-xemx tevapora l-ilma mill-baħar, xmajjar u għadajjar. |
| 6. | minn fejn ġej ir-riħ. |
| 7. | l-qawwa tar-riħ. |
| 8. | l-Warda ta' l-Irjieħ. |

*Tingħata marka waħda għal kull tweġiba tajba.*

**(Total 8 marki)**

**Eżerċizzju Ħ**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | *Marka waħda* | L-istudenti għandhom isemmu waħda minn dawn:<br>• imdejjaq<br>• mhux utili ghas-socjetà<br>• ma jafx x'se jaqbad jagħmel<br>• nervuż<br>• li mhu tajjeb għal xejn. |
| 2. | *Marka waħda għal kull eżempju (2 marki)* | **Tnejn** minn dawn:<br>għalliem, tabib, mekkanik, dentist, bejjiegħ, xufier u oħrajn. |
| 3. | *Marka waħda għal kull eżempju (2 marki)* | **Tnejn** minn dawn:<br>landier, buttar, ħaddied, skarpan, ballat u oħrajn. |

| | | |
|---|---|---|
| 4. | *Marka għal kull ħsieb differenti sa 5 marki* | Punti li jistgħu jissemmew:<br>• naqilgħu l-għixien għalina u għall-familji tagħna<br>• jagħtina identità<br>• nħossuna importanti fis-soċjetà<br>• nagħmlu użu mit-talenti tagħna<br>• ngħinu l-ekonomija tal-pajjiż<br>• ma niddependux fuq l-Istat għall-għixien<br>• jagħtina sigurtà għall-futur. |

**(Total 10 marki)**

**Eżerċizzju I**

L-istudenti għandhom jiktbu almenu sitt punti fuq dan is-suġġett. Punti li jistgħu jsemmu huma

- ħadd ma għereq.
- ħassejt sens ta' ħniena ma dawk li ħelsuha mill-għarqa
- l-għajnuna li ngħatat
- qabbadnilhom in-nar
- lifgħa velenuża gidmet lill-priġunier Pawlu
- ħsibna li kien xi qattiel
- konna se nadurawh għax ħsibna li kien alla meta ma ġralu xejn
- qalilna li ma kienx alla, imma kien se jgħidilna fuq il-veru Alla
- iż-żjara ta' Pawlu fil-villa ta' Publiju
- il-fejqan ta' missier Publiju
- Pawlu ppriedka ir-reliġjon Nisranija
- xi aspett ieħor relevanti għall-istorja ta' San Pawl f'Malta.

**(6 marki)**

**Eżerċizzju J**

L-istudenti għandhom jiktbu sitt sentenzi dwar is-suġġett magħżul. Hu importanti li huma jsemmu ta' l-inqas erba' punti fuq is-suġġett magħżul.

**Il-Biedja f'Malta**

Erba' punti minn dawn :

- Fil-qasam tal-biedja f'Malta jsibu r-raħħala li jrabbu tip ta' annimal wieħed fl-irziezet tagħhom.
- Dawn ir-raħħala jieħdu l-annimali l-biċċerija u b'hekk aħna nkunu nistgħu nieklu bacon, laħam u perżut.
- Bdiewa oħra fl-għelieqi tagħhom ikabbru ħxejjex, frott jew fjuri skond l-istaġun.
- Dawn il-bdiewa jbiegħu l-prodotti tagħhom fil-pitkali.
- Id-dipartiment tal-Biedja jara li l-bdiewa Maltin u Għawdxin ikollhom prezz xieraq għall-prodotti li jkabbru.
- Fl-imgħoddi kien isir ħafna xogħol bl-idejn u bl-għajnuna ta' xi bhima. Illum il-bidwi juża l-muturi għall-ħart, għat-tisqija u għall-bexx.
- Il-bidwi iħabbat wiċċu ma' ħafna problemi. Fost l-akbar problemi insibu n-nixfa tas-sajf, il-maltempati kbar f'Settembru jew f'Ottubru, kif ukoll ir-riħ li jagħmel ħafna ħsara lill-uċuħ tar-raba'.
- Kulħadd għandu japprezza x-xogħol li jagħmlu l-bdiewa Maltin u Għawdxin.

**Il-Fabbriki f'Malta**

Erba' punti minn dawn:

- Il-ħaddiema tal-fabbriki jużaw il-materja prima biex jagħmlu prodotti ġodda.
- F'Malta hawn ħafna tipi ta' fabbriki eż. tax-xorb, ta' l-ikel, tat-tessuti, taż-żraben, tal-plastik u oħrajn.
- Il-materja prima tiġi impurtata minn pajjiżi oħra.
- L-affarijiet lesti mill-fabbriki jiġu mibjugħin hawn Malta jew esportati f'pajjiżi barranin.
- Ħafna prodotti jiġu esportati bl-użu tal-kontejners.
- Il-ħaddiema fil-fabbriki jridu joqogħdu attenti ħafna għax minħabba l-makkinarju kbir ikun hemm ħafna perikli.
- Minħabba dawn il-perikli u l-ħsejjes, illum il-fabbriki huma miġbura f'oqsma industrijali u b'hekk ikunu 'l bogħod mid-djar.
- Aħna lkoll għandna nkunu kburin bil-prodotti Maltin li l-ħaddiema kapaċi jagħmlu fil-fabbriki Maltin.

**(Total 6 marki)**